TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 236/13/GB

**Rita Bugeja**

**vs**

**Lilywhite Laundry & Drycleaning**

Illum 22 ta' Jannar 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-14 ta' Ottubru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mija u tmenin Ewro (€180.00)) rapprezentanti l-prezz ta' 'suit', liema 'suit' giet iddanneggjata meta nhadet ghand is-socjeta' ntimata ghas-servizz tad-dry cleaning.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet hadet 'suit' tar-ragel taghha ghas-servizz tad-dry cleaning ghand is-socjeta' ntimata. Is-socjeta' ntimata kienet imbaghad cemplet lir-rikorrenti sabiex tinformaha illi s-'suit' kienet imqatta' qabel ma missitha. Ir-rikorrenti issostni illi din is-'suit' tqattet mis-socjeta' ntimata ghaliex tal-hanut kienet iccekjatha meta r-rikorrenti kienet haditha hemm. Ir-rikorrenti baqghet ma accettatx is-'suit' lura.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha, fejn ziedet tistqarr illi s-'suit' in kwistjoni kienet inxtrat tliet snin ilu u kkonfermat *illi r-ragel kien libisha biss darba ghal tieg.*

Ir-rikorrenti ezebiet sett ta' tliet (3) ritratti, li gew immarkati bhala Dok.RB1.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata, u jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi s-socjeta' ntimata naqqset b'mod kbir fis-servizz taghha lejn ir- rikorrenti konsumatur, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' mija u tmenin Ewro (€180.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**